Minuti tat-tmienja u tletin (38) laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fis-Sala tal-Kommunita l-Ġimgħa 29 ta' Ottubru 2010 fil-5.30pm.

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi Sindku: | Is-Sur Anthony Borg |
| Kunsilliera: | Is-Sur Victor Cefai<br>Is-Sur Horace Micallef<br>Is-Sur Lorry Apap |
| Segretarju Eżekuttiv: | Is-Sur Karl Vella |

**1. TALBA**

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv beda l-laqgħa permezz ta' talba.

**2. QARI, KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Peress li l-Minuti tal-laqgħa preċendenti tqassmu qabel il-laqgħa dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Punti li joħorġu mill-Minuti:

- Wara diskussjoni ġie maqbul li l-Kunsill jimpjega ħaddiem klerikali sabiex jaħdem is-Sibtijiet u drabi oħra skond il-bżonn. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb jibda dan il-proċess.
- Is-Sindku qal li l-Għajn ta' Bendu kienet ibblukkata meta faret bl-ilma tax-xita, u il-Kunsill qabbad lil Michael Refalo sabiex jiftaħha iżda din baqgħet l-istess. Għalhekk il-Kunsill talab l-intervent tad-Dipartiment tal-Proġetti u Żviluppi sabiex din terġa tinfetaħ. Din infetħet mill-istess kuntrattur.
- Fil-5.50pm daħal fil-kamra l-Inginier Galea sabiex jikkjarifika xi punti rigward il-kont mibgħut mill-kuntrattur li rebaħ l-offerta tad-*Decorative Luminaries* għal Triq l-Isptar San Ġiljan fejn ntalab li l-ħlas għal diversi partijiet tal-fanali meta dan kien fl-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta. Hu spjega li l-kont li bgħat il-kuntrattur kien żbaljat u għaldaqstant ser jerġa jibgħat kont mill-ġdid skond it-*tender* dwar is-sistema ta' enerġija alternattiva. L-Inginier Galea telaq mill-kamra fis-6.00pm. Peress li l-Inginier iċċertifika x-xogħol dawn il-fanali jistgħu jitwaħħlu.
- Il-Viċi Sindku qal li kien avviċinah Charlie Zammit u nfurmah li ġej grupp studenti minn Zafferana Etnea li xtaqu jiltaqgħu ma' żgħażagħ mill-Fontana.



Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

## 3. QARI TAL-MEMOS, ILMENTI / SUĠĠERIMENTI U KORRISPONDENZA PRINĊIPALI

### 3.1 Memos

3.1.1 Memo 127/2010 – Kuntratti dwar Ġbir tal-Iskart Imħallat
3.1.2 Memo 128/2010 – Taħriġ għall-Impjegati tal-Libreriji Pubbliċi
3.1.3 Memo 129/2010 – Mistoqsija Parlamentari Numru 20095
3.1.4 Memo 130/2010 – Mistoqsija Parlamentari Numru 20033
3.1.5 Memo 131/2010 – Mistoqsija Parlamentari Numru 20098
3.1.6 Memo 132/2010 – Mistoqsija Parlamentari Numru 20126
3.1.7 Memo 133/2010 – Mistoqsija Parlamentari Numru 20116
3.1.8 Memo 134/2010 – Mistoqsija Parlamentari Numru 20128
3.1.9 Memo 135/2010 – Mistoqsija Parlamentari Numru 20129
3.1.10 Memo 136/2010 – Komunikazzjoni mal-MEUSAC
3.1.11 Memo 137/2010 – Website Clean Up Malta Campaign

### 3.2 Korrispondenza Prinċipali

3.2.1 Il-Kappillan talab permess sabiex jagħmel użu mill-*meter* tad-dawl li jinsab ħdejn l-Għajn tal-Ħasselin sabiex jkunu jistgħu idawwlu l-Għajn u n-niċċa tal-Madonna waqt ir-reċita tar-rużarju li ser isir hemmhekk nhar l-Erbgħa 27 ta' Ottubru fis-7.30pm. Is-Segretarju Eżekuttiv kien bgħat din l-*email* lil Kunsilliera u ħadd ma kien sab oġġezzjoni. Din l-attivita ma saritx minħabba l-maltemp.

3.2.2 Is-sistema tal-pannelli fotovoltajiċi li twaħħlet fil-playing field mill-kumpanija Solar Engineering Ltd ġiet iċċertifikata mill-Inginier inkarigat. Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv kien bgħat il-kont u ċ-ċertifikazzjoni tal-Inginier imqabbad mill-Kunsill lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex nieħdu €9,800 bħala fondi taħt Memo 38/2008. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jinforma lil OS3 sabiex jpoġġi *weblink* fuq is-sit tal-Kunsill sabiex il-pubbliku jkun jaf kemm din is-sistema qiegħda tiġġenera elettriku u kemm qiegħed jiġi ffrankat mill-kont tad-dawl.

3.2.3 Ġejna mitlubin ninfurmaw lil Reġjun Għawdex bin-numru ta' rġiel li hawn fil-lokalita', dan għar-raġuni li ser jingħata sponsor tal-kumpanija Gilette.

3.2.4 Reġjun Għawdex infurmawna illi kull Kunsill li jifforma parti mir-Reġjun għandu joħroġ *cheque* ta' €233 sabiex jitħallsu CVC Communications wara li dawn irrapportaw l-iffirmar tal-Protokol ta' Adeżjoni tal-*European Region for Youth Network.* Il-Kunsill qabel li dan jitħallas.

3.2.5 Il-LIDL kkonfermaw li ser iħallsu t-transport ta' Malta għal ħarġa soċjo- kulturali li ser jorganizza l-Kunsill nhar il-15 t'Ottubru, peress li l-Kunsill ser jieqaf f'wieħed mill-istabilimenti tagħhom, KIF Ġie propost mis-Sindku fil-laqgħa preċedenti.

3.2.6 Is-Sur Aldo Cutajar, mid-Dipartiment tal-Artijiet, bgħatilna kopja tal-kuntratt tad-devoluzzjoni ta' fond 191 fi Triq il-Għajn. Is-Sindku qal li l-Kuntratt tad-Devoluzzjoni ġie iffirmat minnu u mis-Segretarju Eżekuttiv. Oriġinalment dan kien ta' tlett snin, pero' dan ġie rivedut għal 15-il sena. Il-Kunsill jrid iħallas €350 kera fis-sena u l-kuntratt jerġa jiġġedded wara 15-il sena.

3.2.7 Il-kumpanija Gozo Adventures talbet permess lil Kunsill sabiex temporanjament jinstallaw *mobile climbing wall* fil-lokalita. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni, pero'


Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

l-permess irid jistipula li ż-żona fejn jiġi nstallat dan l-apparat trid terġa tiġi fl-istess stat kif kienet qabel l-installazzjoni. Il-Kunsill qabel li l-aħjar post fejn jiġi nstallat dan l-apparat hu wara l-Knisja.

Il-Viċi Sindku talab li jiġi skużat fis-6.40pm minħabba li kellu mpenji oħra.

3.2.8 Il-MEPA ikkonfermaw li l-applikazzjoni tal-Kunsill taħt l-iskema UIF ġiet aċċettata.

3.2.9 Il-Perit Saliba nforma lil Kunsill li kienet saret laqgħa mas-Sindku, u l-Ing Josephine Grech u Ing John Mizzi (rappreżentanti tal-Enemalta) rigward ix-xogħolijiet li qiegħed jagħmel il-Kunsill f'tarf Trejqa ta' Wara Djar. Il-Perit qal li waqt il-laqgħa l-Ing Grech ikkonfermat illi diġa' hemm is-servizzi għaddejjin minn taħt l-art għal Pompa tad-Drenaġġ u għaldaqstant il-Kunsill ma għandux bżonn jagħmel xogħolijiet f'dan ir-rigward. Barra minhekk, it-*transformer* li hemm fiż-żona ser jiġi mneħħi mill-Enemalta. Is-Segretarju Eżekuttiv irid jikteb lis-Sur Tarcisio Xerri, li kien rebaħ l-offerta sabiex jagħmel ix-xogħolijiet fi Trejqa ta Wara l-Idjar, li minn Tarf Triq Għajn Tuta twassal sa Wied il-Lunzjata peress li bi żball il-Perit kien nizzilha bl-isem ta' Trejqet Wara l-Idjar, u jinfurmah li jrid jagħmel x-xogħolijiet mill-aktar fis possibli skond il-kundizzjonijiet tal-kuntratt.

3.2.10 Id-Dipartiment informa lill-Kunsill li ma kien hemm l-ebda skema dwar fondi addizzjonali biex il-Kunsill jimpjega skrivani biex jaħdmu s-Sibt. Il-proċess għall-ingaġġ ta' skrivan *part-time* irid jimxi skond Artiklu 16 tar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Rizorsi Umani) Avviż Legali 127 tal-1998.

3.2.11 Id-Direttur Generali, is-Sur Martin Bugelli, talab lil Kunsill sabiex iċ-ċertifikazzjoni tax-xogħolijiet li saru minn Lorry Attard fuq il-Belvedere ta' Mulejja ssir minn xi ħadd ieħor minħabba li l-Kunsillier Lorry Apap kellu kunflitt ta' nteress. Is-Sindku ikkonferma li x-xogħol kien sar sew għax hu mar fuq il-post meta kien hemm il-Perit Angelo Portelli. Is-Sindku qal li l-Kunsillier Lorry Apap kien tah il-kopja tad-dokumenti tal-offerti li kien ħa sabiex jagħmel rapport fuqhom. Il-Kunsiller Lorry Apap qal li hu qatt ma kellu l-ebda nteress u dejjem ħadem sabiex jipprova jiffranka l-flus lil Kunsill ħalli dawn ikun jistgħu jintefqu fil-lokalita. Il-Kunsillier Lorry Apap ddikjara li mhux ser jevalwa aktar offerti, ladarba dawn mhux fil-kompetenza tiegħu. Għaldaqstant l-offerti jridu jiġu mgħoddija lil Periti Saliba u Farrugia sabiex jevalwaw dawn id-dokumenti.

3.2.12 Nhar l-20 ta' Novembru 2010 l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ser torganizza laqgħa għall-Kunsillieri ta' Malta u Għawdex ġewwa l-Lukanda Corinthia Palace, Ħ'Attard.

3.2.13 L-AKL infurmatna li rċiviet invit għall-programm televiż "Affari Tagħna" li għalih mistienda s-Sindku u l-Kunsillieri kollha ta' Malta u Għawdex. Min hu nteressat għandu jibgħat *email* kemm jista jkun malajr.

### 3.3 Ilmenti

3.3.1 Is-Sur Martin Azzopardi, s-sid tal-ispiżerija fi Triq tal-Għajn, qiegħed jgħid li qed ikollu diversi *complaints* mingħand certi aġenti u anke mingħand xi klijenti li ma humiex isibu parking sabiex jidħlu jħottu x-xogħol (fil-każ tal-aġenti) jew jidħlu

jinqdew (fil-każ ta' klijenti). Għaldaqstant huma qed ikollom jipparkjaw fuq id-*double line* isfar li hemm quddiem l-ispiżerija. Dawn qegħdin jgħidu li ġieli qalgħu kontravenzjonijiet mingħand il-gwardjani lokali.Għaldaqstant is-Sur Azzopardi qiegħed jissuġġerixxi li titwettaq waħda minn tlett affarijiet:

a) Jitneħħa d-*double line* isfar minn quddiem l-ispiżerija
b) Issir xi ħaga fl-*area* kola sabiex jiżdied il-*parking* fil-ħinijiet tal-ftuħ tal-ħwienet
c) Tinġibed l-attenzjoni tal-gwardjani lokali biex ikunu iżjed flessibli qabel ma jagħtu kontravenzjonijiet.

Il-membri tal-Kunsill qablu li dan l-ilment jingħadda lil Perit Saliba.

3.3.2 Is-Sur Frank Pavia, f'ismu u f'isem is-Sinjura Maria Formosa, qiegħed jilmenta li quddiem id-djar tagħhom fil-parti ta' fuq fi Triq il-Għajn hemm xi ħofor li qegħdin jimtlew bl-ilma tax-xita u meta jgħaddu l-karozzi min ġo dawn il-ħofor qegħdin itajru l-ilma għall-bibien tad-djar tagħhom. Hu qiegħed jitlob li dawn il-ħofor jiġu rranġati temporanjament bil-*cold asphalt*.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna bgħatna *email* li l-Kunsill ma jistax jagħmel xogħolijiet f'din it-triq peress li hemm kawża pendent u miżmumin b'mandat ta' inibizzjoni tal-Qorti. Il-Kunsill kien talab lil Avukata Angele Formosa f'hiex waslet din il-kawża, u hi kkonfermat li ġiet diferita għas-16 ta' Novembru 2010 għas-sentenza.

3.3.3 Il-Kunsillier Horace Micallef ressaq ilment f'isem is-Sur Celestino Cini fejn hu qiegħed jitlob li fejn il-*garage* tiegħu fi Triq l-Isptar San Ġiljan jiġu miżbugħa *double yellow lines* għax mhux qiegħed ikun jista' jidħol bit-*truck* fil-*garage* meta jkun hemm xi vetturi pparkjati hemm. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jibgħat ittra lil Transport Malta.

## 4. JUM IL-FONTANA

Wara diskussjoni ġie maqbul li l-program ta' Jum il-Fontana ta' din is-sena għandu jkun simili bħal dak tas-sena l-oħra.

Dwar ir-rebbieħ tat-trofew ta' Ġieħ il-Fontana, is-Sindku nnomina lis-Sur Josef Galea bħala rikonoxximent tal-Kunsill għall-ħidma volontarja li wettaq matul dawn l-aħħar snin għall-festa titular l-aktar permezz tax-xogħol tal-logħob tan-nar li sa din is-sena kien jieħu ħsieb li jsir anke finanzjarjament. Il-Kunsill qabel.

## 5. MISTOQSIJIET

5.1 Il-Kunsillier Horace Micallef saqsa lis-Sindku jekk din is-sena hux ser isiru korsijiet tal-bizzilla. Is-Sindku qal li peress li l-Kunsill m'għandux *Bye Laws* għal dan il-għan, ma jistax jorganizza korsijiet.


Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

## 6. APPROVAZZJONI TA' KONTIJIET

Il-kontijiet mehmużin ma' dawn il-minuti ġew approvati mill-membri tal-Kunsill.

## 7. MATERJI OĦRA

7.1 Il-Kunsillier Horace Micallef qal li hemm ħofra fi Triq San Martin li trid timtela bil-*cold asphalt* u hemm ħofra oħra fi Triq Wied Siekel, l-isfel mill-bollard li trid timtela bic-*cement*. Il-membri tal-Kunsill qablu li għandu jsir dan ix-xogħol.

7.2 Il-Kunsillier Horace Micallef qal li kien id-dwal tat-toroq fi Triq is-Sajjieda u f'parti minn Triq tal-Għajn li kienu mixgħulin matul il-ġurnata. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu kien bgħat *email* lil-Ing Vella tal-Enemalta biex jinfurmaha. Is-Sindku qal ukoll li hu ċempel lil Enemalta darbtejn.

7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv innota li l-ħaddiem tal-Kunsill, Joe Mercieca, kien ħareġ xi rċevuti. Wara li s-Sur Mercieca ġie mitlub biex jiġi l-laqgħa, ġie konkluż li kien hemm *misunderstanding* u għaldaqstant s-Sur Mercieca ħareġ l-irċevuti bi żball.

7.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li tlesta x-xogħol ta' manutenzjoni fuq il-*boundary wall* ta' Triq John Gaspard le Merchand u Triq il-Kardinal Alessandro Franchi beda u tlesta x-xogħol ta' manutenzjoni fuq il-ħajt tas-sejjieħ fil-parti ta' fuq ta' Triq Wied Siekel. Dan ix-xogħol qiegħed isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

7.5 Is-Sindku attenda għal laqgħa li saret fil-lukanda Excelsior fil-Furjana, dwar il-Viżjoni 2015 li fost l-oħrajn ġiet indirizzata mill-Onor Prim Ministru bħala l-Ministru responsabbli mill-Gvern Lokali, u mill-Onor Stephan Buontempo, kelliem għall-oppożizzjoni

7.6 Is-Sindku attenda l-Qorti dwar l-iżgumbrament tal-fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn. Għal darb'oħra, din ġiet posposta għar-raġuni li Anthony Cassar għamel rikors li ġie milqugħ mill-Qorti.

7.7 Wara xita qawwija li fawwret l-Għejjun, dawn ġew imnaddfa mill-ħaddiema tal-Kunsill.

7.8 Is-Sindku ppreżenta l-applikazzjoni tal-Kunsill lid-Dipartiment għal Gvern Lokali ta' l-iskema b'inizjattivi ambjentali maħruġa mill-Kumpanija Vodafone. Il-Kunsill qiegħed jikkompeti bil-proġett tal-Belvedere ta' Triq ta' Mulejja. Ġiet ukoll ppreżentata l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-iskema tal-Attivitajiet Sportivi. Il-Kunsill applika għal diversi attivitajiet differenti.

7.9 Saret ħarġa soċjo-kulturali għar-residenti tal-Fontana ġewwa Malta fejn żorna l-Belt Valletta biex naraw il-parata *Exchanging of the Guards* mill-Forzi Armati Maltin u wara morna dawra fuq il-baħar fejn żorna l-port ta' Marsamxett u l-Port il-Kbir. Il-ħarġa ntemmet fil-kumpless LIDL ġewwa Ħal Luqa, peress li huma ħalsu t-transport ta' Malta ta' din il-ħarġa. Attendew 32 persuna, fosthom is-Sindku u l-Kunsillier Horace Micallef.

7.10 Sar it-tqassim ta' pakkett boroz *totally degradable* lil kull familja fil-lokalita biex issir is-separazzjoni tal-iskart. Għall-ewwel darba dawn ġew ipprovduti mill-kumpanija GreenMT skond il-ftehim milħuq.

7.11 Is-Sindku attenda għat-tielet laqgħa tal-Kumitat Reġjonali ta' Għawdex li saret fl-uffiċċju temporanju fil-Banca Giuratale, fir-Rabat Għawdex, kif ukoll laqgħa tal-Kumitat Konġunt dwar l-infurzar lokali.

7.12 Daħal fis-seħħ il-kuntratt tad-devoluzzjoni ta' fond 191 fi Triq il-Għajn wara li dan ġie iffirmat mill-Kummissarju tal-Artijiet, is-Sur Albert Mamo. Il-kera ser tkun ta €350 fis-sena u jiġġedded kull 15 il-sena. Is-Sindku ġabar il-kuntratti u ċ-ċwievet ta' dan il-fond mid-



Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

Dipartiment tal-Artijiet. Is-Sindku qal li dan hu wieħed mill-akbar *achievements* li għamel il-Kunsill u sodisfatt bis-sehem kbir li ta matul is-snin biex jiġi akkwistat dan il-fond.

7.13 Instabu xi ittri ġo fond 191 fi Triq il-Għajn u dawn iridu jintbagħtu lil min huma ndirizzati.

7.14 Ġie maqbul li jittieħdu r-*readings* tal-*meters* tad-dawl u l-ilma li hemm f'fond 191 fi Triq il-Għajn u nitolbu lil WSC sabiex dawn jinqalgħu.

7.15 Is-Sindku ssottometta l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-iskemi tal-*Green Challenge Award* u *Community Challenge Award* fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

7.16 Il-Viċi Sindku attenda għal-laqgħa tas-Sindki li saret fil-lukanda New Dolmen fil-Qawra.

7.17 Ġiet ippubblikata l-offerta għal Ġbir tal-Iskart Imħallat kif ukoll għat-tkomplija tal-bini tat-Tieni Fażi taċ-Ċentru Ċiviku.

7.18 Is-Sindku qal li l-applikazzjoni għal Festival tan-Nar skond skema maħruga mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali ma saritx minħabba t-traġedja li ġrat f'Settembru 2010 fejn 5 residenti tal-Fontana sfaw vittmi ta' spluzzjoni tal-kamra tan-nar ta' Farrugia Brothers.

7.19 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li tneħħiet id-dgħajsa minn Triq il-Kardinal Alessandro Franchi li kien hemm ilment fuqha.

7.20 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sur Shahpoor qala l-pjanti li kien ħawwel f'Wied Siekel.

7.21 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li tkisser globu ieħor mill-fanali ta' fuq iz-zuntier.

7.22 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret il-katusa għall-ilma tat-tisqija li tieħu l-ilma tal-Għejjun biex jissaqqu r-raba' tal-inħawi tas-Saqwi. Din saret taħt wiċċ it-triq fi Triq ix-Xlendi mill-kuntrattur li qiegħed jibni t-triq.

7.23 Ġie irranġat is-*sensor* tal-*public convenience*, biex il-bozza ma tixgħelx bla bżonn.

7.24 Is-Sur Chris Gauci ġie nfurmat biex għal-lampi ta' Triq il-Kappillan Ġużepp Hili jintużaw lampi ta 240V biex ikunu jifilħu għas-saħħa tad-dawl.

7.25 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ċempillu s-Sur Stephan Muscat fejn nformah li l-WiFi ser jinqaleb mingħand il-Melita għal Go.

7.26 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser tinġieb stima mingħand Aperturi Ltd għal xkaffar għall-*files* fil-MultiPurpose Room u għall-grada tal-ventilazzjoni għal taħt it-taraġ

7.27 Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jinforma lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li Sqaq Nru 1 fi Triq il-Għajn hu privat għalhekk il-Kunsill mhux ser jagħmel manutenzjoni fih.

7.28 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dehret ittra fil-gazzetta "Illum" dwaril-Belvedere ta' Triq ta' Mulejja.

7.29 Is-Sindku ppropona li tinkiteb ittra lid-Direttur tal-Proġetti u Żviluppi fil-Ministeru għal Għawdex dwar id-differenza li hemm fil-bini tal-ħitan tas-sejjieħ fi Triq ix-Xlendi.

7.30 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li sar it-tindif u manutenzjoni mill-ħaddiema tal-Kunsill kull fejn kien hemm bżonn.

7.31 Tqassmu l-boroż tal-plastik *biodegrable* sabiex jintużaw għas-separazzjoni tal-iskart.

7.32 Il-kunsill irċieva l-permess tal-MEPA għal bini ta' żewġ garaxxijiet fi Triq ta' Mulejja.

7.33 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li trid issir korrezzjoni fil-Minuti tas-36 laqgħa tal-Kunsill rigward punt 4.7.9 fejn minflok "*kif ukoll tfarrak bank fejn l-Għajn ta' Bendu*" trid tinbidel għal "*kif ukoll tfarrak bank fuq l-Għajn ta' Bendu*"

*7.34* Is-Sindku nforma lill-Kunsill li trid issir korrezzjoni fil-Minuti tas-36 laqgħa tal-Kunsill rigward punt 3.3.m fejn minflok "*Il-Viċi Sindku ċempel lil Perit sabiex jerġa jfakkru biex jiċċertifika x-xogħol.*" trid tinbidel għal "*Il-Viċi Sindku ċempel lil Perit sabiex jerġa jfakkru biex joħroġ il-kont tax-xogħol.*" peress li x-xogħol kien ċertifikat f'Ġunju.



Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

Il-laqgħa spiċċat fis-7.40pm. Laqgħa oħra issir nhar t-Tlieta 30 ta' Novembru 2010 fil-5.30pm fis-Sala tal-Komunita'

Karl Vella
Segretarju Eżekuttiv

Saviour Borg
Sindku



Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt